**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 148/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Denise Mula)**

**Vs**

**ANTHONY GAFA'**

**Illum, 15 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Anthony Gafa' talli fit-2 ta'Ottubru, 1999, ghal habta tal-4.30 a.m., f'Mistra Road, l/i San Pawl il-Bahar, (**1**) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta'vettura numru ABB-973 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, (**2**) irrifjuta jew naqas milli jghati skond il-ligi kampjun tan-nifs, (**3**) fl-imsemmija data, lok u hin saq l-imsemmija vettura ABB-973 b'giri aktar milli jmissu (**4**) b'manjera traskurata, u (**5**) b'manjera perikoluza.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 25 ta'Mejju, 2000, li biha ma sabetx lill-Anthony Gafa' hati ta' dawn l-akkuzi w illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali datat 13 ta'Gunju, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha in kwantu tikkoncerna l-akkuzi numerati (**1**) (**3**) (**4**) u (**5**), izda tirrevokaha kwantu ghat-tieni (**2**) akkuza w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali.

Rat illi fis-seduta quddiemha ta' l-14 ta'Mejju, 2001, l-appellat Anthony Gafa' eccepixxa n-nullita' tar-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali ghaliex, skond hu, ma giex sodisfatt ir-rekwizit taht l-Artikolu 419 (1)(a) tal-Kap. 9.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat fuq din l-eccezzjoni ta' l-appellat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi skond l-appellat Anthony Gafa', ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali huwa wiehed null ghaliex fih ma hemmx esposti l-fatti fil-qosor, u, barra minn hekk, il-ftit li hemm esposti mhumiex korretti.

L-appellat qed jibbaza din l-eccezzjoni tieghu fuq dak li hemm dispost fl-Artikolu 419 (1)(a) tal-Kap. 9, li testwalment jghid hekk :

> " *Ir-rikors, barra mill-indikazzjonijiet komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita' :*
> *(a) il-fatti fil-qosor*. "
> - *omissis* -

Kif dejjem gie ritenut, bil-"fatti fil-qosor", wiehed jifhem il-fatti saljenti tal-kaz, esposti b'mod car izda konciz, u b'tali mod li kemm l-appellat kif ukoll il-Qorti jkunu jistghu mill-ewwel jaqbdu x'inhuma l-fatti kif allegati mill-istess appellant. Ma jkunx sodisfatt il-vot ta' l-Artikolu 419 (1)(a) tal-Kap. 9, jekk il-fatti jew ikunu redatti b'mod sparpaljat 'l hawn u 'l hinn fir-rikors, jew ikunu maghguna ma' l-aggravju jew aggravji.

Kemm il-fatti esposti fil-qosor kif ukoll ir-ragunijiet ta' l-appell (l-aggravji) iridu jitnizzlu separatament fir-rikors t'appell. Bhal ma l-indikazzjoni ta' l-aggravji ma tistghax issir b'semplici referenza ghall-fatti, hekk ukoll il-fatti jridu jkunu esposti indipendentement mill-aggravji.

Fil-kaz in ezami, l-appellant Avukat Generali brevement isemmi u jiddeskrivi f'paragrafu wiehed il-fatti li in bazi taghhom wara jghid x'inhuma l-aggravji tieghu w r-ragunijiet l-ghaliex appella mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti. Bil-mod kif l-appellant espona l-fatti fil-qosor, hu pjenament ssodisfa ir-rekwizit taht l-Artikolu 419 (1)(a) tal-Kap. 9. F'dan l-istadju mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tipprova tara jekk il-fatti kif esposti mill-appellant b'mod konciz, li pero' mal-ewwel jaghtu l-indikazzjoni rikjesta ta' x'inhuma l-fatti allegati mill-appellant, humiex korretti jew le. Dik hija kwistjoni ta' meritu li, se mai, jigi trattat fi stadju ulterjuri ta' dan l-appell. Sal punt fejn wasal is-smigh ta'dan l-appell, b'riferenza ghall-eccezzjoni sollevata mill-appellat, huwa bizzejjed li din il-Qorti tkun sodisfatta li l-appellant b'mod konciz u car semma jew indika l-fatti li in bazi taghhom interpona dan l-appell tieghu, b'mod li kemm din il-Qorti kif ukoll l-appellat setghu jaraw mal-ewwel x'inhuma l-fatti allegati mill-appellant.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni sollevata mill-appellat Anthony Gafa' u tordna l-prosegwiment tas-smigh ta' dan l-appell fil-meritu.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur